



Brussell, 24 ta' Novembru 2020
(OR. en)

13084/1/20
REV 1

LIMITE

JAI 999
COSI 216
CATS 90
ENFOPOL 314
COPEN 329
DATAPROTECT 131
CYBER 239
IXIM 122

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	12863/20
Suġġett:	Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Kriptaġġ - Sigurtà permezz ta' kriptaġġ u sigurtà minkejja l-kriptaġġ

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Kriptaġġ.

**Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Kriptaġġ
Sigurtà permezz ta' kriptaġġ u sigurtà minkejja l-kriptaġġ**

1. Preambolu: Sigurtà permezz ta' kriptaġġ u sigurtà minkejja l-kriptaġġ

L-Unjoni Ewropea tappoġġa b'mod sħiħ l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-użu ta' kriptaġġ b'saħħtu. L-Unjoni Ewropea tissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat ir-rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u tal-bniedem u l-istat tad-dritt fl-azzjonijiet kollha relatati ma' din ir-riżoluzzjoni, kemm online kif ukoll offline. Il-kriptaġġ huwa mezz neċessarju għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u s-sigurtà diġitali tal-gvernijiet, l-industrija u s-soċjetà. Fl-istess ħin, l-Unjoni Ewropea teħtieġ li tiżgura l-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti fil-qasam tas-sigurtà u l-ġustizzja kriminali, pereżempju l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji, biex jeżerċitaw is-setgħat legali tagħhom, kemm online kif ukoll offline sabiex jiproteġu lis-soċjetajiet u liċ-ċittadini tagħna.

Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-1-2 ta' Ottubru 2020 (EUCO 13/20), *l-UE ser tuża l-għodod u s-setgħat regolatorji tagħha biex tgħin biex jiffasslu regoli u standards globali. Ġie maqbul li l-fondi taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jintużaw biex jiġu avvanzati objettivi bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE li tiproteġi lilha nnifisha kontra t-theddid ċibernetiku, li jiġi previst ambjent ta' komunikazzjoni sigur, speċjalment permezz ta' kriptaġġ kwantistiku, u li jiġi żgurat l-aċċess għad-data għal finijiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi.*

2. Użu/stat attwali ta' kriptaġġ

Fid-dinja tal-lum, it-teknoloġija tal-kriptaġġ qed tintuża dejjem aktar fl-oqsma kollha tal-ħajja pubblika u privata. Huwa mezz biex jiġu protetti l-individwi, is-soċjetà ċivili, l-infrastrutturi kritiċi, il-media u l-ġurnalisti, l-industriji u l-gvernijiet billi jiżgura l-privatezza, il-konfidenzjalità, l-integrità tad-data u d-disponibilità tad-data tal-komunikazzjoni u dik personali: huwa evidenti li l-partijiet kollha jibbenefikaw mit-teknoloġija tal-kriptaġġ. Il-kriptaġġ ġie identifikat mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data u taċ-ċibersigurtà tal-UE bħala għodda importanti li tikkontribwixxi, pereżempju, għall-protezzjoni tad-data personali trasferita barra mill-UE iżda soġġetta għar-rekwiżit ta' livell ta' protezzjoni essenzjalment ekwivalenti, li skont il-Qorti tal-Ġustizzja huwa rekwiżit legali għat-trasferimenti tad-data¹. Mhux talli l-apparati u l-applikazzjonijiet elettroniċi qed jiġu dejjem aktar iprogrammati biex id-data tal-utent maħżuna tiġi kkriptata b'mod awtomatiku, iżda aktar u aktar kanali ta' komunikazzjoni u servizzi ta' ħżin tad-data qed jiġu protetti wkoll permezz ta' kriptaġġ minn tarf sa tarf (E2E). Dan huwa rifless b'mod pożittiv f'rispons dejjem akbar mill-industrija tal-komunikazzjoni u l-applikazzjoni, fejn il-maġġoranza tal-applikazzjonijiet għall-messaġġi istantanji u pjattaformi online oħra implimentaw ukoll kriptaġġ minn tarf sa tarf.

3. Sfidi biex tiġi żgurata s-sigurtà

"Il-ħajja diġitali" u ċ-ċiberspazju mhux biss jippreżentaw opportunitajiet kbar, iżda wkoll sfidi konsiderevoli: id-diġitalizzazzjoni tas-soċjetajiet moderni ġġib magħha ċerti vulnerabbiltajiet u l-potenzjal għall-isfruttament għal finijiet kriminali. Għalhekk, il-kriminali jistgħu jinkludu soluzzjonijiet ta' kriptaġġ disponibbli faċilment, iddisinjati għal skopijiet leġittimi *fil-modi operandi* tagħhom².

Fl-istess ħin l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi qed jiddependu dejjem aktar fuq l-aċċess għal evidenza elettronika biex jiġu miġġielda b'mod effettiv it-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, l-abbuż sesswali tat-tfal (b'mod partikolari l-aspetti online tiegħu), kif ukoll għadd ta' delitti oħrajn marbuta maċ-ċiberkriminalità u ffaċilitati miċ-ċibernetika. Għall-awtoritajiet kompetenti, l-aċċess għall-evidenza elettronika jista' jkun essenzjali, mhux biss biex jitwettqu investigazzjonijiet b'suċċess u b'hekk il-kriminali jitressqu quddiem il-ġustizzja, iżda wkoll biex jiġu protetti l-vittmi u tiġi żgurata s-sigurtà.

¹ Sentenza tas-16 ta' Lulju 2020 fil-Kawża C-311/18, Data Protection Commissioner vs Facebook Ireland Ltd, Maximillian Schrems, ECLI:EU:C:2020:559:

² iOCTA 2020, p. 25

Madankollu, hemm każijiet fejn il-kriptaġġ jagħmel l-aċċess għall-kontenut tal-komunikazzjonijiet u l-analiżi tiegħu fil-qafas tal-aċċess għall-evidenza elettronika ferm diffiċli jew prattikament impossibbli minkejja l-fatt li l-aċċess għal tali data jkun legali. Indipendentement mill-ambjent teknoloġiku tal-lum, huwa għalhekk essenzjali li jiġu ppreservati s-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti fil-qasam tas-sigurtà u l-ġustizzja kriminali permezz ta' aċċess legali biex iwettqu l-kompiti tagħhom, kif preskritt u awtorizzat mil-liġi. Tali liġijiet li jipprevedu s-setgħat ta' infurzar għandhom dejjem jirrispettaw b'mod sħiħ il-proċess dovut u salvagwardji oħra, kif ukoll id-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u l-komunikazzjonijiet u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali.

4. Insibu bilanċ tajjeb

Il-prinċipju tas-sigurtà permezz ta' kriptaġġ u s-sigurtà minkejja l-kriptaġġ għandu jiġi rrispettat fl-intier tiegħu. L-Unjoni Ewropea tkompli tappoġġa kriptaġġ b'saħħtu. Il-kriptaġġ huwa ankra ta' fiduċja fid-diġitalizzazzjoni u fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u jenħtieġ li jiġi promoss u żviluppat.

Il-protezzjoni tal-privatezza u s-sigurtà tal-komunikazzjonijiet permezz tal-kriptaġġ filwaqt li fl-istess ħin tibqa' l-possibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti fil-qasam tas-sigurtà u l-ġustizzja kriminali jaċċessaw legalment id-data rilevanti għal finijiet leġittimi u definiti b'mod ċar fil-ġlieda kontra delitti serji u/jew organizzati u t-terroriżmu, inkluż fid-dinja diġitali, u r-rispett tal-istat tad-dritt, huma importanti ħafna. Kwalunkwe azzjoni li tittieħed trid tibbilanċja bir-reqqa dawn l-interessi mal-prinċipji tan-neċessità, tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà.

5. Ningħaqdu mal-industrija tat-teknoloġija

Fil-mixja tagħha 'l quddiem, l-Unjoni Ewropea tistinka biex tistabbilixxi diskussjoni attiva mal-industrija tat-teknoloġija, filwaqt li tassoċja r-riċerka u d-dinja tal-akkademiċi, biex tiżgura l-implimentazzjoni kontinwa u l-użu ta' teknoloġija ta' kriptaġġ b'saħħitha. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jaċċessaw id-data b'mod legali u mmirat, b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u l-liġijiet rilevanti dwar il-protezzjoni tad-data, filwaqt li tiġi mħarsa ċ-ċibersigurtà. Is-soluzzjonijiet tekniċi biex jinkiseb aċċess għal data kriptata jridu jikkonformaw mal-prinċipji ta' legalità, trasparenza, neċessità u proporzjonalità inkluż il-protezzjoni tad-data personali mid-disinn u b'mod awtomatiku.

Peress li ma hemm l-ebda mod uniku biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti, il-gvernijiet, l-industrija, ir-riċerka u d-dinja tal-akkademiċi jeħtieġ li jaħdmu flimkien b'mod trasparenti biex b'mod strateġiku jgħallu dan il-bilanċ.

6. Qafas regolatorju

Il-ħtieġa li jiġi żviluppat qafas regolatorju madwar l-UE li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-kompiti operazzjonali tagħhom b'mod effettiv filwaqt li jiġu protetti l-privatezza, id-drittijiet fundamentali u s-sigurtà tal-komunikazzjoni tista' tiġi vvalutata aktar.

Soluzzjonijiet tekniċi potenzjali ser ikollhom jippermettu lill-awtoritajiet jużaw is-setgħat investigattivi tagħhom li huma soġġetti għal proporzjonalità, neċessità u sorveljanza ġudizzjarja skont il-leġiżlazzjoni domestika tagħhom, filwaqt li jirrispettaw il-valuri komuni Ewropej u jħarsu d-drittijiet fundamentali u jippreservaw il-vantaġġi tal-kriptaġġ. Jenħtieġ li jiġu żviluppati soluzzjonijiet possibbli b'mod trasparenti f'kooperazzjoni mal-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni nazzjonali u internazzjonali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Dawn is-soluzzjonijiet u standards tekniċi – u l-iżvilupp mgħaġġel tat-teknoloġija b'mod ġenerali – jkunu jeħtieġu wkoll titjeb kontinwu fil-ħiliet tekniċi u operazzjonali u l-għarfien espert tal-awtoritajiet kompetenti biex jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi tad-diġitalizzazzjoni fiż-xogħol tagħhom fuq skala globali.

7. Kapaċitajiet investigattivi innovattivi

Fl-aħħar nett, huwa ta' importanza kbira li tittejjeb il-koordinazzjoni fil-livell tal-UE bil-għan li:

- 1) jiġu kkombinati l-isforzi tal-Istati Membri kollha u tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE;
- 2) jiġu ddefiniti u stabbiliti approċċi innovattivi fid-dawl ta' teknoloġiji ġodda;
- 3) jiġu analizzati soluzzjonijiet tekniċi u operazzjonali xierqa; kif ukoll
- 4) jiġi pprovdut taħriġ imfassal apposta u ta' kwalità għolja.

Soluzzjonijiet tekniċi u operazzjonali ankrati f'qafas regolatorju mibni fuq il-prinċipji tal-legalità, in-neċessità u l-proporzjonalità għandhom jiġu żviluppati f'konsultazzjoni mill-qrib mal-fornituri tas-servizzi, partijiet ikkonċernati rilevanti oħra u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha, għalkemm ma għandu jkun hemm l-ebda soluzzjoni teknika unika preskritta biex jiġi pprovdut aċċess għal data kriptata.